**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 103/2019**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jonathan Ferris)**

**Vs**

**Philip Said**

Illum it-30 ta' Settembru 2020

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Philip Said, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 781052M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-gzejjer, f'Novembru tal-2012, u fix-xhur u s-snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, s-somma ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329,37) taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, ndustrija, kummerc, kariga jew servizz tieghu, ghad-dannu ta' Doris Falzon (ID: 860453M u/jew Joanne Baldacchino (ID 428577M), Philip u Nadya Cauchi (ID

351870M u ID 512773M), George Meli (ID 273649M), Carmela Mifsud (ID 269750M), Connie Abdilla (ID 392157M), Martin Meli (ID 628160M), Jesmond Meli (ID 85765M), Ramon Micallef (ID 190488M), Emanuel Callus (ID 61863M), Albert Mamo (ID 125060M) u Mark Borg (ID 637881M).

2. B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wiret haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' ntraprizi foloz, jew ta hila setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh bi hsara ta' Doris Falzon (ID 860453M) u/jew Joanne Baldacchino (ID 428577M), Philip u Nadya Cauchi (ID 351870 u ID 512773M), George Meli (ID 273649M), Carmela Mifsud (ID 269750M), Connie Abdilla (ID 392157M), Martin Meli (ID 628160M), Jesmond Meli (ID 85765M), Ramon Micallef (ID 190488M), Emanuel Callus (ID 61863M), Albert Mamo (ID 125060M) u Mark Borg (ID 637881M).
3. Bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, dolozament, bi ksur tad-dmirijiet tieghu ghamel jew naqas li jaghmel dmirijietu, b'taghkis jew bi hsara ta' Doris Falzon (ID 860453M) u/jew Joanne Baldacchino (ID 428577M), Philip u Nadya Cauchi (ID 351870M u ID 512773M), George Meli (ID 273649M), Carmela Mifsud (ID 269750M), Connie Abdilla (ID 392157M), Martin Meli (ID 628160M), Jesmond Meli (ID 85765M), Ramon Micallef (ID 190488M), Emanuel Callus (ID 61863M), Albert Mamo (ID 125060M) u Mark Borg (ID 637881M).
4. Bhala ufficjal jew impjegat pubbliku sar hati ta' reat iehor li hu kelli jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu, hu kellu d-dmir li jimpedixxi;
5. Bhala nutar naqas li jhallas it-taxxa dovuta kollha jew parti minnha taht id-dispozizzjonijiet tal-Att 364 fuq xi att ricevut minnu;
6. Naqas li jikkonforma ruhu ma' kull taxxa mposta fuqu b'regolament li sar taht l-Att. 364.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-29 ta' Marzu, 2019, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tat-18 ta' Lulju, 2017, u senjatament l-Artikolu 17, 18, 23, 30, 31, 293, 294, 310(1)(a), 138, 140, 141 u 28A sa 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 50(a) u (c) tal-Kapitolu 364 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti sabet lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tielet (3), tar-raba' (4) u tal-hames (5) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, u kkundannatu sentejn (2) prigunerija, li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali gew sospizi ghall-perjodu ta' erba' (4) snin. Stante li t-tieni (2) imputazzjoni nghatat bhala alternattiva ghall-ewwel (1) imputazzjoni li taghha l-imputat

instab hati, l-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imputazzjoni.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 28H(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ordnat lill-imputat sabiex fi zmien sitt (6) xhur ihallas lil Albert Mamo s-somma ta' €2,875, lil Ramon Micallef is-somma ta' €3,150, lil Doris Falzon is-somma ta' €4,430, lil Emanuel Callus is-somma ta' €1,960, lil Nadya u Philip Cauchi bejniethom is-somma ta' €1,404, lil Mark Borg is-somma ta' €4,746.50, u lil George Meli, Carmela Mifsud, Connie Abdilla, Martin Meli, Jesmond Meli bejniethom is-somma ta' €2,825.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Philip Said, ipprezentat fit-8 ta' April, 2019, fejn talab lill-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza tad-29 ta' Marzu, 2019, billi tikkonferma li mhux hati tat-tieni akkuza u tilliberah mill-akkuzi 1, 3, 4 u 5 u fin-nuqqas tinghata sentenza iktar ekwa u gusta.

Rat l-aggravji imqanqla mill-appellant.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-appell minnu ntentat l-appellant jikkontendi illi wiehed mill-elementi essenzjali sabiex jirrentra ruhu r-reat tal-approprjazzjoni ndebita ma jirrizultax mill-atti. Jishaq illi l-element formali tar-reat ma giex ippruvat u dan billi huwa ma kellux l-intenzjoni kriminali mehtieg skont il-ligi sabiex jissussisti r-reat. Dan ghaliex fil-fehma tieghu l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova illi l-appellant kellu din l-intenzjoni kriminali fil-mument li l-klijenti tieghu għaddewlu l-flus għall-ħlas ta'l-erarju pubbliku konsistenti f'boll jew

taxxi ta' trasferiment lil Kummissarju tat-Taxxi maghmula in konnessjoni ma' dikjarazzjoni *causa mortis*, atti ta' trasferiment u donazzjonijiet ta' fondi mmobbli. Ighid illi huwa kien jiddepozita l-flejjes minnu ipprecepiti ghal dan il-ghan gewwa *clients account* u kien il-Bank li ddecieda idur ghal dawn il-flus sabiex jigi sodisfatt il-bilanc dovut minnu f'*overdraft facility* li huwa kellu ma'l-istess bank. Oltre dan jikkontendi illi huwa gie milqut b'diversi mandati ta' sekwestru sabiex b'hekk gie fl-impossibbilita' li jutilizza il-kontijiet bankarji tieghu u jaghmel il-hlasijiet lilu moghtija. Jishaq ukoll illi l-hlas ta'l-erarju ma sarx fiz-zmien statutorju peress illi kienu il-klijenti tieghu li damu sabiex jipprovdulu ċertu dokumentazzjoni mitluba minnu u li konsegwentement wasslu sabiex hu ma kienx f'posizzjoni li jipproċedi bl-insinwa tal-atti fit-terminu preskritt. Hu kkonferma li kkostitwixxa ruħu bħala debitur fil-konfront ta' xi uħud mill-klijenti li kellu u dan sabiex jirrifondielhom il-flejjes dovuti, liema att jindika li l-intenzjoni kriminali kienet nieqsa billi il-kwistjoni setghet giet riżolta ċivilment. Finalment jitlob varjazzjoni fil-piena inflitta u dan fid-dawl tal-fatt illi indubbjament hu mhux ser jirnexxielu jżomm mat-terminu ta' sitt xhur impost fuqu mill-Ewwel Qorti sabiex issir ir-rifuzjoni tal-flejjes mehuda minnu indebitament lil parti leza bil-konsegwenza illi ser jispiċċa inkarċerat wara li jiskadi dan it-terminu ta' żmien.

**Ikkunsidrat:**

Illi huwa hati tar-reat ta' approprazzjoni ndebita:

> **"Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat ..."**

Bir-reat jigi aggravat u jitmexxa *ex officio* mill-pulizija kull:

> **"..... meta d-delitt imsemmi ..... jiġi magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba l-professjoni, industrja, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju."**

Biex b'hekk l-element ewlieni li jikkostitwixxi r-reat:

**"mhuwiex l-uzu ta' l-ingann da parti ta' l-agent biex jottjeni l-oggett, izda l-inversjoni tat-titolu tal-pussess tal-haga li l-agent ikun ottjena minghand is-suggett passiv bil-libera volonta' ta' dan."**[1]

Illi kif jispjega l-awtur Francesco Antolisei:

***"La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio" (Manuale di Diritto Penale, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276).***

Bil-Qorti ta' Cassazioni taljana tishaq f'decizjoni recenti illi:

***"Il reato di appropriazione indebita si consuma nel momento dell'inversione del possesso, vale a dire quando il possessore compie un atto di dominio sulla "res", così manifestando l'intenzione di tenere questa come propria.***

***"L'appropriazione indebita può consistere anche nel solo uso della cosa, il quale è un modo di esercitarne il diritto di proprietà, se l'uso stesso non sia assolutamente consentito, atteso il titolo del possesso, ovvero risulti diverso da quello che, secondo questo titolo, è legittimo, divenendo cosi manifestamente un mezzo per effettuare l'appropriazione, se accompagnato dalla volontà di disporre della cosa come se fosse propria" (Cass. Sez. 2, Sentenza n. 2954del 15/12/1971 Ud. (dep. 03/05/1972) Rv. 120966; nel senso che l'appropriazione indebita d'uso integri il reato di cui all'art. 646 c.p.cfr Sez. 3^, Sentenza n. 3445del 2/2/1995, Riv. 203402).***

***Quello che conta è che l'uso indebito del bene, sia avvenuto trascendendo completamente - come nel caso di specie - i limiti del titolo in virtù del quale l'agente deteneva in custodia il bene, di modo che l'atto comporti un impossessamento, sia pure temporaneo, del bene, determinandosi così quell'inversione del possesso che costituisce l'elemento oggettivo della struttura del reato ( in tal senso N. 47665 del 2009 Rv. 245370 - 01; n. 44650 del 2015 Rv. 264899 - 0).*** [2]**"**

---

[1] Pulizija vs Joseph Muscat, Imħallef Victor Caruana Colombo, Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri, deċiża nhar it-3 ta' Marzu 1997.

[2] Cassazione penale, sez. II, Sentenza 10/05/2019 n° 20231

Illi minn dan it-taghlim gurisprudenjzali huwa manifest illi r-reat tal-approprjazzjoni indebita jigi kkunsmat mal-mument li issir l-inverzjoni tal-pussess tal-oggett mobbli u cioe' f'dak il-mument illi l-awtur tar-reat jikkonverti dak l-oggett ghall-uzu tieghu bhala s-sid tal-istess. Minn dan l-agir jigi dezunt imbaghad l-element formali tar-reat meta l-awtur juri l-intenzjoni li zzomm jew juza l-oggett lilu fdat *animo domini,* daqslikieku kien tieghu.

Fil-fatt is-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs Anthony Mary Bajada l-Qorti stqarret illi:

> **'Id-delitt ta' approprjazzjoni ndebita jigi konsumat malli dak li jkun jaghmel atti ta' dominju fuq il-haga bil-volonta' li jezercita dominju fuqha; u dan ikun pruvat meta c-cirkustanzi u l-atti jkunu verament tali li univokament juru l-intenzjoni ta' l-approprjazzjoni, billi fihom infushom m'humiex kompatibili mal-kawza u t-titolu tieghu tad-detenzjoni ta' dik il-haga'.**[3]

In oltre ġie stabbilit ukoll mill-ġurisprudenza li fl-eventwalita' li jkun hemm dewmien għar-restituzzjoni tal-flus jew tal-oġġett fdat dan ma jwassalx neċessarjament għar-reat ta' misappropjazzjoni u dment li tali dewmien ma jkunx ukoll akkumpanjat mill-element formali tal-konverzjoni u tal-utilita' ta' din il-konverzjoni favur min qed jagħmilha jew favur ħaddieħor kontra l-ftehim oriġinarjament pattwit, din ġeneralment tirrisolva ruħha fi kwistjoni ta' natura ċivili.[4]

[3] Imħallef A. J. Montanaro Gauci, Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri, deċiża fl-1 ta' Marzu 1952.

[4] Ara s-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs Herbart Cassar deċiża mill-Imħallef Michael Mallia nhar is-17 ta' Marzu 2012 fejn fost il-kunsiderazzjonijiet magħmula ġie kkwutat Maino kif ġej: Il-Maino jghid "*l'elemento materiale del delitto in esame consiste nell'appropriarsi la cosa, convertendola in profitto di se o di un terzo." Ikompli jghid "la dupplice formola dell'appropriazione e della conversione, quale fu mantenuta ed espresso nell'articolo 417, chiarisce il concetto dell'appropriazione, specificando che questa si compie colla conversione della cosa altrui a profitto proprio o di terzo." Maino jirriferi ghall-awtur Carrara "la criminosita' incomincia soltanto quando colui inverte la "causa possidendi", e per arbitrio suo sostituisce la "causa dominii" (illegittima, perche contro la volonta' del padrone) alla causa precedente che era legittima perche non dissentita........ Abbiasi dunque come regola assoluta che quando si e' usato della cosa senza invertire la causa del possesso e cioe' se ne e' usato secondo la destinazione per la quale era stata consegnata dal proprietario, mai si avra' appropriazione indebita". Il-gurista Maino jkompli jghid "al trove lo stesso autore( "il Carrara") aveva esposto ed esemplificato codesto concetto, dicendo che l'eccedere, nel modo o nel tempo, lo stesso uso per quale la cosa era stata consegnata costituisce solo un titolo di indemnita' contrattuale ....... F'paragrafu 1953 tat-trattat fuq imsemmi l-Maino jghid "<u>il dolo sara' costituito della volontarieta' della conversione con scienza della sua illegittimita'</u>........... il dolo speciale nel reato di appropriazione indebito e' (come nel furto e nella truffa) l'animo di lucro che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto*

Illi billi l-appellant kien ezercenti l-professjoni ta'nutar u b'hekk uffiċjal pubbliku huwa gie mixli ukoll bir-reat mahsub fl-artikolu 141 tal-Kodici Kriminali abbinat mal-artikolu 138 li jaqa' taħt is-sub-titolu dwar l-abbużi ta' awtorita' u ksur ta' dmirijiet li għandhom x'jaqsmu ma' kariga pubblika kif ukoll l-artikolu 50 tal-Kapitolu 364 senjatament l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti u li jittratta speċifikament ir-responsabbilta' ta' nutar li jekk jonqos mill-obbligi tiegħhu jkun ħati ta' reat punibbli skond dak l-Att. Dan ghalkemm kien ikun aktar idonju li l-appellant jigi mixli bir-reat ta' storn kif mahsub fl-artikolu fl-artikolu 127 tal-Kodici Kriminali, ghalkemm hija l-fehma tal-Qorti illi l-fatt illi l-appellant ma giex mixli bil-kummissjoni ta' dan ir-reat ma jeskludiex l-possibilita' li jista' jigi passibbli ukoll ghar-reat ta' approprjazzjoni indebita billi l-awtur tar-reat huwa "**kull min**" japproprja ruhu minn oggett jew flejjes fdati lilu, bir-reat jigi aggravat meta dan issir fil-kors tal-ezercizzju tal-professjoni tieghu, biex b'hekk xortawahda jissusistu l-elementi mehtiega sabiex tigi stabbilita ir-reita'.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Qorti fliet bir-reqqa l-atti proċesswali inkluż ghalhekk id-deposizzjonijiet kemm tal-kwerelanti kollha kif ukoll tal-appellant u tad-dokumentazzjoni ippreżentata minnhom, minn fejn jirrizulta illi dan il-kaz ra il-bidu tieghu bejn is-snin 2013 u 2014 meta l-pulizija eżekuttiva rċevew sensiela ta' rapporti fil-konfront tal-imputat fejn il-vittmi saħqu illi huma kienu ħallsuh it-taxxa dovuta għall-publikazzjoni ta' atti pubbliċi, liema atti, iżda, qatt ma ġew insinwati u l-erarju pubbliku dovut ma tħallasx lid-Dipartiment tat-Taxxi u dan dejjem ad insaputa tagħhom. Fost il-kwerelanti hemm:

1. Doris Falzon li allegat li bintha Joanne Baldacchino għaddiet cheque ta' €4430 lill-appellant biex jiġi insinwat u ppublikat att at' kompro-vendita ta' proprejta immobbli. Huma baqgħu qatt ma rċevew ir-riċevuta mingħand id-Dipartiment tat-Taxxi u meta saru l-verifiċi

*illegittimo, della violazione del contratto, dall'inadempiento della obbligazione"*. Ara wkoll fost oħrajn is-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs Dr. Sigfried Borg Cole deċiża nhar it-23 ta' Diċembru 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri u ppreseduta mill-Imħallef Vincent Degaetano fejn ġie ttrattat l-istess mertu.

meħtieġa rriżulta illi dan il-kuntratt qatt ma ġie nsinwat. Sussegwentement Falzon laħqet ftehim mal-appellant sabiex iħallasha lura din is-somma permezz ta' skrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu;

2. Emanuel Callus li kien inkariga lill-appellant biex iħejji att ta' akkwist ta' proprjeta ġewwa s-Siggiewi fejn kien għaddielu s-somma ta' €1960 rappreżentanti taxxa ta' trasferiment dovuta fuq l-att t'akkwist iżda liema att baqa' ma ġiex insinwat peress illi t-taxxa ma tħallsitx lid-Dipartiment ikkonċernat mill-appellant;

3. Ramon Micallef li kien inkariga lill-appellant iħejji kuntratt ta' donazzjoni fejn kien ħallas €1960 bħala taxxa dovuta fuq kuntratt tal-akkwist u liema dokument baqa' mhux insinwat u t-taxxa ma gietx imħallsa;

4. George Meli li kien għamel dikjarazzjoni *causa mortis* għan-nom tiegħu u ta ħutu fejn kien ħallas €2825 bħala taxxa, liema att però qatt ma ġie nsinwat;

5. Philip u Nadia Cauchi li kienu nkarigaw lill-appellant sabiex iħejji att ta' akkwist ta' garaxx ġewwa San Pawl il-Baħar fejn minn verifiċi rriżulta li t-taxxa li huma ħallsu fl-ammont ta' €1404 u li kienu għaddew lin-nutar qatt ma tħallas u b'hekk l-att qatt ma ġie nsinwat.

6. Albert Mamo li kien inkariga lill-appellant ihejji att *causa mortis* wara l-mewt ta' ommu u sussegwentment ukoll ta' huh fejn l-atti relattivi baqghu ma gewx insinwati ghalkemm huwa hallas lill-appellant s-somma ta' €4195. Mamo kien gie infurmat illi ghalkemm ic-cekk rappresentanti l-hlas li kien ghamel lill-appellant kien isarraf, dan izda sar mhux in konnessjoni mat-taxxa dovuta minnu. Dan ic-cekk fil-fatt gie imsarraf mill-Kummissarju tat-Taxxi in konnessjoni ma' hlas dovut minn certu Paul Attard. Mamo stqarr illi in konnessjoni mad-dikjarazzjoni *causa mortis* ta' ommu huwa kien hallas s-somma ta' €2400 u €343 ghas-servizzi tal-appellant.

7. Mark Borg kien nkariga lill-appellant ihejji zewg atti ta' donazzjoni favur tieghu ta' proprjeta immobbli konsistenti f'dar u garaxx u dan

fis-snin 2008/2009. Ghal dawn l-atti pubblici kien gie mghoddi lill-appellant is-somma ta' €5350.60 rapprezentati hlas ta' boll, drittijiet u spejjez. Dawn l-atti pubblici ukoll qatt ma gew insinwati bil-hlas tal-erarju lanqas ma gie mghoddi lil Kummissarju tat-Taxxi.

Meta l-appellant ġie mitkellem mill-pulizija hu filfatt ikkonferma illi kien gie inkarigat sabiex jippubblika l-atti pubblici ghan-nom tal-klijenti tieghu, kien tħallas ghal dawn is-servizzi u kien anke ngħata l-pagament għat-taxxa dovuta lil Gvern għal dawn l-atti. Hu saħaq illi ċ-ċekkijiet li tħallas bihom kien iddepozithom fil-kont bankarju tieghu iżda l-hlas dovut in konnessjoni mal-erarju pubbliku baqa' ma sarx għaliex kien qed jaħdem b'dawn il-flejjes. Hu qal li ma kienx irreġistra l-atti fi żmien erbgha u ghoxrin jum kif inhu obbligat li jaghmel bi żvista u mhux intenzjonalment. Inoltre qal illi l-bank kien gibed dawn il-flejjes mill-*clients account* intestat f'ismu sabiex jagħmel tajjeb għall-faċilita' tal-*overdraft* li kellu ma'l-istess bank u dan *ad insaputa* tiegħu. Madankollu saħaq illi kien qiegħed fi proċess li jbiegħ propjeta' immobbli u bir-rikavat kien ser jaghmel tajjeb ghal dawn il-flejjes mehuda indebitament. Stqarr li ddispjaċih ghal dak illi għamel u saħaq li ma kellu l-ebda intenzjoni iweġġa lin-nies bl-aġir tiegħu.

Dan ifisser illi l-appellant mhux qed jikkontesta l-fatt illi huwa ma ghamilx uzu tal-flejjes lilu fdati sabiex ihallas l-erarju pubbliku. Jikkontesta il-fatt madanakollu illi dan ghamlu bl-intenzjoni li ddawwar dawn il-flejjes ghall-uzu tieghu daqslikikeu kienu tieghu tant illi l-atti notarili in kwistjoni qatt ma gew minnu insinwati. Fil-fatt jishaq illi huwa kkostitwixxa ruħu bħala debitur ma xi uħud mill-kwerelanti.

L-appellant iressaq tlett ragunijiet li wassluh sabiex jonqos mid-dmirijiet tieghu. Fl-ewwel lok ighid illi l-bank gibed il-flus mill-kont bankarju fejn kienu mizuma dawn il-flejjes sabiex jigi sodisfatt id-dejn li kellu fil-kont tieghu tal-*overdraft*. Imbaghad ighid li sussegwentement il-kontijiet tieghu gew milquta minn mandati ta' sekwestru mahruga mil-kredituri tieghu li wasslu sabiex il-kontijiet bankarji tieghu gew iffrizati. Finalment jikkontendi f'xi uhud mill-kazijiet huwa dam biex jinsinwa l-att pubbliku ghaliex kien qed jistenna lill-klijenti tieghu ighaddulu xi dokumentazzjoni, izda dan

baqghu ma ghamluhx sabiex hu kien jinsab fl-impossibilita' li jipprosegwi sabiex jinsinwa l-att pubbliku.

Jibda' biex jinghad illi l-appellant jinsab mixli li ghamel dawn l-atti inkriminatorji fis-sena 2012 u fix-xhur u snin ta' qabel. Il-mandati ta' sekwestru li jaghmel referenza ghalihom l-appellant nħarġu fis-snin 2013 u 2014 rispettivament. Fit-tieni lok għal dak li jirrigwarda dak allegat mill-appellant illi l-bank gibed il-flus mill-kont tal-klijenti tieghu sabiex jigi sodisfatt id-dejn li kellu f'*overdraft account* tibqa', tul din il-vicenda processwali, mera allegazzjoni li qatt ma tigi ppruvata minnu sal-grad tal-probabbli. Illi huwa jonqos milli jressaq id-dokumentazzjoni bankarja sabiex jissostanzja din l-allegazzjoni jew illi jressaq bhala xhud lil xi rapprezentant tal-bank biex jikkonferma dak minnu allegat, sabiex b'hekk dina l-affermazzjoni minnu maghmula qatt ma tigi sostanzjata bil-provi. Lanqas ma hemm prova illi l-appellant informa lil klijenti tieghu b'dak li kien qed isehh u l-impossibilita' li kien jinsab fiha li jonora l-obbligi tieghu. Fit-tielet lok, il-fatt li l-appellant seta' kellu problemi finanzjarji ma tiġġustifika xejn l-agir tieghu. Altrocche! Dan iwassal lil Qorti, bhall-Ewwel Qorti qabilha, ghal konvinciment morali illi l-appellant, meta gie fil-pussess tal-flejjes lilu mghoddija sabiex jithallas l-erarju pubbliku, kkonverta dawn il-flejjes ghall-uzu tieghu sabiex jissodisfa il-krediti li huwa kellu. Dan huwa kkonfermat mill-konverzjoni li sar ta' wiehed mill-pagamenti mghoddija lilu minn Albert Mamo li meta ghamel il-verifiki mal-Kummissarju tat-Taxxi gie infurmat illi c-cekk mahrug minnu favur l-appellant gie utilizzat sabiex jithallas l-erarju dovut minn terza persuna certu Paul Attard. Illi *ex admissis* l-appellant ikkonferma wkoll illi filfatt ġieli għamel użu minn dawn il-flejjes għal raġunijiet personali meta dawn ġew minnu ikkonvertiti *uti dominus* sabiex b'hekk ir-reat tal-approprjazzjoni indebita jinsab kkunsmat.

Illi għal dak li jirrigwarda l-bqija tar-reati miġjuba kontra tiegħu dawn huma konsegwenzjali għall-ħtija tal-ewwel reat u dan meta ġie ppruvat mingħajr l-ebda dubbju illi l-appellant kien ezercenti l-professjoni ta' nutar u b'hekk kien uffiċjal pubbliku fiż-żmien mertu tal-każ u tal-kwereli li saru kontra tiegħu. Konsegwentement din il-Qorti ma tara li hemm ebda mottiv li jista'

igieghla titbieghed mill-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti biex b'hekk l-aggravju imqanqal mill-appellant marbut mal-mertu qed jigi michud.

**Ikkunsidrat:**

Illi jifdal biex jigi kkunsidrat l-aħħar gravam sottopost ghal gudizzju tal-Qorti marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti ta' sentejn prigunerija sospizi ghall-erba snin bl-applikazzjoni tal-artikolu 28H tal-Kodici Kriminali kontenenti l-ordni ta' restituzzjoni tal-flejjes mehuda indebitament lil vittmi fi zmien sitt xhur. Illi l-ilment tal-appellant huwa aktar dirett lejn din l-ahhar parti tad-decizjoni appellata meta jishaq illi huwa jinsab fl-impossibilita' li jottempera ruhu ma' dak ordnat mill-Ewwel Qorti fiz-zmien lilu koncess sabiex b'hekk is-sentenza tekwivali ghal wahda ta' inkarcerazzjoni effettiva.

Illi jibda biex jinghad illi l-appellant ilu li gie akkuzat bil-kummissjoni tar-reati lilu addebitati sa mis-sena 2012 u cioe' iktar minn tmien snin. Ma jidhirx illi f'dan il-perijodu twil ta' zmien huwa kkumpensa lil vittmi ghal flejjes mehuda minnhom indebitament ghalkemm f'uhud mill-kazijiet huwa sahansitra ikkostitwixxa ruhu bhala debitur fil-konfront taghhom, b'terminu ghar-radd lura tal-flus, ghalkemm stipulat fil-ftehim milhuq minnu, lanqas jigi rrispettat. Illi inoltra dak li qed jitlob mill-Qorti f'dan l-aggravju jista' jigi biss kkunsidrat wara li s-sentenza tghaddi in gudikat u allura wara li tigi segwieta il-procedura stabbilita fl-artikolu 28H(5) *et. seq.* tal-Kodici Kriminali.

Illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti hija wahda li taqa' fil-parametri tal-ligi u hija wahda alternattiva ghal dik tal-inkarcerazzjoni effettiva u li ghalhekk tohloq dak il-bilanc bejn l-aspett riformattiv u retributtiv. Illi ghal dawn il-motivi ghalhekk l-Qorti hija tal-fehma illi d-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti ma ghandhiex tigi ddisturbata.

Għal dawn il-motivi l-Qorti, taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha. It-terminu ta' sitt xhur stabbilit fit-termini tal-artikolu 28H tal-Kodici Kriminali, ghar-restituzzjoni lil vittmi tal-flejjes mehuda indebitament kif indikat fis-sentenza appellata, ghandu jibda' jiddekorri mill-lum.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur